# DAWRA KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (30)



JOSEPH SERRACINO



L-aħħar sit storiku li se nitkellem dwaru f'din id-dawra storika u kulturali tagħna fil-Port il-Kbir hu l-Forti ta' Iermu.

## IL-FORTI SANT'IERMU

Dan il-forti nbena mill-Gran Mastru d'Homedes fl-1552 fil-post fejn qabel kien hemm it-Torri tal-Fanal, mibni mill-Viċi Re ta' Sqallija wara ħbit għal għarrieda mill-furbani fl-1488. Peress li fl-antik kienet teżisti kappella ċkejkna qrib dan it-torri ddedikata lil San Erasmo, magħruf fost il-baħrin bħala Sant'Iermu, meta tlesta l-forti ssemma għalih.

Xi storiċi jsostnu li dan it-torri żgħir li minn fuqu s-suldati kienu jgħassu l-inħawi, inbena mill-Aragoniżi fl-1450 b'ordni tas-Sultan Alfonzo ta' Spanja. Peress li minn żmien għall-ieħor il-Misilmin kienu jaħbtu għaxxtut tagħna, u dan il-ħbit baqa' jsir anke fl-ewwel snin tal-ħakma tal-kavallieri, insibu diversi Gran Mastri li dejjem ħasbu biex isaħħu d-difiża tal-Port bi swar ġodda jew bil-manutenzjoni tagħhom u b'inġaġġ ta' suldati ġodda fir-riġmenti tal-Ordni. Meta l-kursar Turgot Rais (Dragut) ipprova jassedja lill-Imdina fis-16 ta' Lulju, 1551 u ma rnexxielux, salpa lejn Għawdex, sfoga l-qilla tiegħu fuq iċ-Ċittadella u ġarr miegħu aktar minn 3,000 ruħ fil-jasar fl-Alġerija u fit-Turkija. Il-Gran Mastru Juan d'Homedes (1536 – 1553) konxju minn dan l-assalt, u beżgħan minn xi ħbit ieħor għal għarrieda fuq il-gżejjer Maltin, qabbad lill-inġinier Spanjol Pietru Pardo biex jiddisinja Kastell b'saħħtu li jkun kapaċi jgħasses id-daħla taż-żewġ Portijiet minflok it-Torri tal-Għassa.

Dan il-forti, li kif għidt issemma Sant'Iermu (1552), kien tlesta fi żmien sena u ġie mibni f'forma ta' stilla b'erba' ponot, bi swar għoljin bejn kull żewġ ponot.

L-istoriċi jkomplu jgħidulna, li dan il-forti (mhux dak li naraw illum, għax dan, barra li hu akbar, inbena wara l-Assedju l-Kbir) wara li tlesta ġie msaħħaħ b'kavallier mal-ġenb, u snin wara (1556) kompla jissaħħaħ b'rivellin fuq in-naħa tal-Punent tiegħu biex ikun protett minn xi attakk min-naħa ta' Marsamxett. Ironikament, dan il-forti, li nbena malajr, kien żgħir ħafna u għalkemm kien mibni fuq il-blat bi swar għoljin u mdawwar b'foss wiesgħa ħafna, is-swar tiegħu ma kinux għoljin biżżejjed li jaqbżu l-ogħla postijiet.

It-Torok intebħu bid-dgħufija tiegħu, ippustaw il-batteriji tagħhom b'kanuni kbar f'postijiet strateġiċi u matul l-assedju attakkawh kontiwament.

Dan il-forti kellu sehem kbir fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Għal xahrejn sħaħ, bejn il-25 ta' Mejju u t-23 ta' Ġunju, it-Torok attakkawh bi ħruxija kbira lejl u nhar. Kien proprju fit-23 ta' Ġunju li l-Istandard tal-Ordni tniżżel minn fuq is-swar u minfloku ttella' dak Tork.

Jingħad li matul dan il-perjodu ta' taqbid imdemmi mietu 1,500 Nisrani u 8,000 suldat Tork. Hawnhekk tajjeb li nislet silta qasira minn artiklu li jien ktibt fuq din il-gazzatta dwar dan il-forti fl-Assedju l-Kbir tal-1565:

"L-aħħar attakk feroċi fuq il-Forti ta' Sant'Iermu sar fit-23 ta' Ġunju. Kien attakk imdemmi u barbaru! Fih inqatlu brutalment il-kavallieri, fosthom De Guaras, Avogadro u l-Kulunell Mas, kif ukoll ħafna mis-suldati li baqgħu ħajjin. Jingħad li xi suldati Maltin laħqu qabżu l-baħar u għamu sal-Birgu, waqt li numru żgħir ta' kavallieri feruti ċedew u taw ruħhom priġunieri lill-furbani – segwaċi ta' Dragut, li bit-tama li jġibu prezz tajjeb tagħhom ħbewhom mis-suldati ta' Mustafa Baxa li kellhom l-ordni li joqtlu lil kulħadd. Malli ttellgħet il-bandiera Torka fuq Sant'Iermu u l-Ġeneral Mustafa daħal trijonfalment fil-forti, waqt li ta ħarsa ħafifa lejn il-mijiet ta' suldati mejtin u oħrajn feruti, huwa dawwar ħarstu lejn il-fortizzi ta' Sant'Anġlu u ta' San Mikiel u b'leħen ta' wieħed imħasseb qal lil ta' madwaru, "jekk it-tifel swielna daqshekk biex ħadnieh, x'sejjer ikun il-prezz tal-missier?"

Wara l-Assedju l-Kbir il-pjanti ta' dan il-Forti ġew modifikati u nbena mill-ġdid. Mal-medda tas-snin il-forti ntuża kemm bħala fortizza għad-difiża taż-żewġ portijiet kif wkoll bħala ħabs, kemm taħt il-kavallieri kif ukoll taħt il-Franċiżi. Kien hemm żmien meta dan il-forti minħabba l-ħsarat li ġarrab maż-żmien, u l-flejjes kbar li kienu jeħtieġu biex jiġi riġenerat mill-ġdid, kien abbandunat.

Kien hemm snin li parti minn dan il-forti kienet qiegħda tintuża mill-Akkademja tal-Pulizija. Mill-1975 sal-2014, f'dan il-forti kellna l-mużew tal-Gwerra li kien ikopri fih saħansitra anke tagħmir militari. Dan il-mużew, b'kollezzjoni akbar, infetaħ mill-ġdid fl-2015. Bejn l-2009 u l-2015 sar ir-restawr u tisbiħ ta' dan il-Forti…" U bil-ftit tagħrif dwar il-Forti Sant'Iermu jien intemm din is-sensiela kulturali li ħadt pjaċir ħafna niktibha. Peress li kienet kemxejn twila, allura ħtieġli nagħmel riċerka Intensa biex niktibha, b'danakollu jien inħossni sodisfatt ħafna, l-ewwelnett għax jien u niktibha tgħallimt ħafna, u t-tieninett għax qtajt xewqet għadd ġmielu ta' qarrejja li talbuni tagħrif dwar xi wħud mis-siti storiċi li għandna fil-Port il-Kbir.

Kif jaf kulħadd, dwar il-Port il-Kbir inkitbu bosta u bosta kotba kif ukoll mijiet ta' artikli interessanti. Ma ninsewx li din il-kitba hija sempliċiment farka jew ħarsa ħafifa ħafna lejn il-patrimonju kbir li għandna mxerred fil-Port il-Kbir b'mod speċjali fit-tlett ibliet tal-Kottonera. Nittama li dan it-tagħrif dwar dawn s-siti storiċi jgħinna biex nifhmu aħjar x'wirt kbir ħallewlna missirijietna u ngħożżu aktar l-istorja ta' pajjiżna.


*Riferenzi:*

– Abela Joseph: "L-Ammiraljat u x-Xatt ta' Senglea." **Il-Mument**, April 16, 2000 p.23.

– Bonnici Alexander: "L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilka – Santwarju ta' Marija Bambina," Vol.1 u Vol.2.

– Bonnici and Cassar: (1994) "The Malta Grand Harbour and the Dockyard.".

– Brincat Duncan: "Patrimonju Sagru; Wirt il-Parroċċa tal-Kalkara Matul iż-Żmien."

– Castagna Pietru Pawl (1888): "L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha."

– Camilleri J. C.: "Il-Mużew Malti Marittimu", "Il-Mument," 1 ta' Ottubru, 2000 p.30.

– Farrugia Rev. Kan. G. M. (1926) "Il-Malti"; "Dawra Arkeoloġika madwar il-Birgu."

– Fondazzjoni Patrimonju Malti: "Treasures Of Malta," Vol. VI No. 3.

– Ellul Galea Karmenu: (1973) "L-istorja tat-Tarzna."

– Galea Ġużè: (1984 ) "Art Twelidi."

– Guillaumier Alfie: (1972) "Bliet u Rħula Maltin."

– Mangion Fabian: "Il-Knisja ta' San Ġiljan."

– Muscat Muscat: (2000) "Il-Flotta tal-Ordni ta' San Ġwann.".

– Spiteri Stephen C.: (1988) "Discovering Fortifications of the Order of St John in Malta."

– Serracino Joseph: "Dawra Kulturali mal-Port il-Kbir" (IT-TORĊA) 21 ta' Marzu, 2001 sat-22 ta' April, 2001.

– Vella Andrew P. (1974/1979) "Storja ta' Malta" Vol. 1 u Vol. 2.

– Wismayer Captain J. M.: "The Development of the Docks", **The Sunday Times** August 8, 1999.

– Wismayer Captain J. M.: "Knights' Arsenal at Vittoriosa," **The Sunday Times** August 6, 1999 p. 43.

– Zahra Lorenzo: "Il-Break Water", IT-TORĊA Jannar 14. 1996.

– Zahra Lorenzo: (1966) "Vittoriosa – a brief historical guide to the City of Birgu."

– Zammit Vincent: (1999) "Is-Swar u l-Fortifikazzjonijiet."

– Zammit Vincent: "Il-Forti Ricasoli," **Il-Mument**, 7 ta' Lulju, 2000.

– Zammit Vincent: "Irkejjen Storiċi," **Il-Mument** 17 ta' Settembru, 2000.


**TMIEM**